# Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend

Din il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend għandha timtela mill-Azzjonisti li jixtiequ jirċievu ishma ġodda bħala ħlas ta' dividend għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2023.

**Għal dawk l-Azzjonisti li jixtiequ jirċievu d-dividend tagħhom fi 'flus', l-ebda azzjoni m'hi meħtieġa.**

Skont ir-rakkomandazzjoni dwar l-i*scrip* dividend (ara Aġenda Numru 4), li qed tiġi proposta għall-approvazzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss tal-APS Bank plc, jekk tiffirma din il-Formola u tirritornaha sad-data tal-għeluq indikata hawn taħt, tkun qed tikkonferma l-għażla tiegħek biex tirċievi d-**dividend nett** li jispetta lilek **f'ishma ġodda.**

**Il-Formola ffirmata għandha tasal għand is-Segretarjat tal-Kumpanija, APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR4012, sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2024.**

**Jekk jogħġbok irreferi għan-Noti misjuba fil-ktejjeb mehmuż għall-istruzzjoinjiet dwar kif tintbagħat din il-Formola.**

Sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni xierqa, it-tabella hawn taħt tagħti dettalji dwar l-għażliet li għandek ta' kif tista' tirċievi d-dividend nett. Jekk tixtieq li d-dividend tiegħek jitħallas fi flus, irreferi għall-ewwel għażla (Għażla 1), jew jekk tixtieq li d-dividend jitħallas f'ishma ġodda rreferi għat-tieni għażla (Għażla 2). Nistiednuk tirreferi għat-Taqsima 3A taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.

SAMPLE

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Isem l-Azzjonist** | | | | | **Kont tal-MSE** |
| **Numru ta' Ishma sad-9 ta' April 2024 *(Record Date)*** | | | | | |
| **Kont tat-Taxxa/Qligħ miksub fis-Sena ta' Stima** | **Rata tat-Taxxa (%)** | **Dividend Gross għal kull sehem (€ ċenteżmi)** | **Dividend Gross (€)** | **Taxxa Miżmuma (€)** | **Dividend Nett (€)** |
| | | | | | |
| 'IPA' - Kont tal-Proprjeta' Immobbli; 'YA' - Sena ta' Stima - 2008, 2015 , 2016, 2017 | | | | | |
| **Għażla 1: Dividend totali fi flus (€)** | | | | | |
| **Għażla 2: Dividend totali f'ishma ġodda (ibbażat fuq l-*attribution price*)** | | | | | |

Il-ħlas tad-dividend, u l-elenku tal-ishma ġodda fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta, skont il-każ, ser iseħħ sal-**20 ta' Mejju 2024,** bin-negozjar tal-ishma elenkati ġodda jibda fil-jum tan-negozju ta' wara.

Huwa importanti li tinnota li d-dritt għall-ishma ġodda mhuwiex trasferibbli.

*Jekk teħtieġ parir fuq l-għażla li għandek tieħu, ikkonsulta ma' professjonist indipendenti.*

Jien/Aħna, azzjonist/i tal-APS Bank plc, nagħżel/nagħżlu li nirċievu d-dividend nett tiegħi/tagħna għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2023 permezz ta' **allokazzjoni ta' ishma ġodda.**

**DATA**

**FIRMA/FIREM TAL-AZZJONIST/I**
Rwol fil-Kumpanija (fejn applikabbli)

barcode 70x20 mm

***English version overleaf.***